DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/245

tal-11 ta' Frar 2019

li taċċetta offerti ta' impenn wara l-impożizzjoni ta' dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw fl-Arġentina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 15 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([2]),

Billi:

A. PROĊEDURA

(1) Fil-31 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni antisussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' bijodiżil li joriġina fl-Arġentina skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2016/1037. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]) ("in-Notifika ta' Bidu").

(2) Fil-21 ta' Settembru 2018, permezz ta' dokument ta' informazzjoni, il-Kummissjoni pprovdiet lill-partijiet interessati kollha bir-riżultati preliminari tagħha, filwaqt li nnotat li ma kien se jiġi impost l-ebda dazju kumpensatorju provviżorju fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' bijodiżil li joriġina fl-Arġentina ("il-prodott ikkonċernat") u kkonfermat li l-investigazzjoni se tkompli.

(3) Fit-3 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni għarrfet lill-partijiet kollha bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kienet beħsiebha timponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni. Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni finali.

B. OFFERTI TA' IMPENN

1. Offerti ta' impenn

(4) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produtturi esportaturi kollha li kkooperaw, inklużi l-kumpaniji relatati tagħhom, u flimkien mal-Kamra tal-Arġentina tal-Bijofjuwils (Cámara Argentina de Biocombustibles, "CARBIO") offrew impenji fuq il-prezz skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) 2016/1037.

2. Evalwazzjoni tal-Offerti ta' Impenn

(5) Sabiex jiġi żgurat li l-impenji jkunu prattikabbli, l-esportaturi Arġentini ppreżentaw offerti ta' impenn bi prezz minimu wieħed tal-importazzjoni ("PMI") għall-prodott ikkonċernat.

(6) Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li s-sussidjar dannuż jiġi eliminat u jsir fattibbli u prattiku għall-monitoraġġ tal-produtturi esportaturi li joffru l-impenji, dawn l-esportaturi Arġentini offrew li jiżguraw li l-volum tal-importazzjonijiet li sar skont l-impenji jiġi stabbilit fil-livell annwali li bejn wieħed u ieħor jikkorrispondi mal-prestazzjoni ġenerali tagħhom fis-suq, filwaqt li jiżgura kundizzjonijiet ekwi.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55
([2]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([3]) ĠU C 34, 31.1.2018, p. 37.

(7) Sabiex jiġi vvalutat jekk dawk l-impenji fuq il-prezz ineħħux l-effett dannuż tas-sussidjar, il-Kummissjoni analizzat, *inter alia*, il-prezzijiet attwali tal-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat, il-livell tad-dazju kumpensatorju definittiv kif ukoll riżultati rilevanti oħra li ħarġu mill-investigazzjoni.

(8) Il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sussidjar dannuż jista' jitneħħa minn impenji fuq il-prezz li jkopru l-importazzjonijiet fil-livell annwali propost flimkien ma' dazju *ad valorem* definittiv impost fuq l-importazzjonijiet li jaqbżu l-livell annwali kif imsemmi fil-premessa 6.

(9) CARBIO impenjat ruħha wkoll biex tipprovdi lill-Kummissjoni b'informazzjoni regolari u dettaljata dwar il-bejgħ tal-Unjoni tal-produtturi esportaturi Arġentini, biex b'hekk tippermetti li l-impenji jiġu mmonitorjati b'mod effettiv mill-Kummissjoni. Fid-dawl tar-rwol attiv ta' CARBIO, u tal-mezz ta' sikurezza fil-forma tal-livell annwali msemmi fil-premessa 6, il-Kummissjoni kkunsidrat li r-riskju li jiġu evitati l-offerti ta' impenn huwa limitat.

C. **KUMMENTI TAL-PARTIJIET U L-AĊĊETTAZZJONI TAL-OFFERTI TA' IMPENN**

(10) L-offerti ta' impenn saru disponibbli għall-partijiet interessati.

(11) L-industrija tal-Unjoni sostniet li l-offerti ta' impenn ma setgħux jiġu aċċettati minħabba li mhumiex konnessi mir-riżultati tal-investigazzjoni u għalhekk l-impenji mhux se jneħħu l-effetti dannużi tas-sussidjar.

(12) B'mod partikolari, il-Bord Ewropew tal-Bijodiżil (European Biodiesel Board "EBB") irrakkomanda PMI ekwivalenti għal prezz(ijiet) tal-esportazzjoni fil-perjodu tal-investigazzjoni flimkien mal-ammont ta' marġni ta' sussidjar/dannu, possibbilment indiċjat biex iqis l-evoluzzjoni tal-prezz tal-materja prima ewlenija. L-EBB sostna li livell tal-prezz bħal dan biss jiżgura li l-prezzijiet Arġentini ma jwaqqgħux il-prezzijiet tal-Unjoni. L-Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Industrija tal-Bijokarburanti ("VDB") sostniet ukoll li l-PMI għandu jiġi kkalkolat bl-użu tal-prezz tal-importazzjoni flimkien mad-dazju kumpensatorju. L-Unjoni għall-Promozzjoni tal-Pjanti taż-Żejt u tal-Proteini ("UFOP") appoġġat din l-affermazzjoni tal-VDB. Il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli tal-Unjoni Ewropea ("COPA-COGECA") nnotat li ż-żieda drammatika tal-importazzjoni tal-Unjoni tal-bijodiżil Arġentin minn meta l-miżuri antidumping naqqsu u, flimkien mal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Produtturi taż-Żrieragħ Żejtnin ("EOA"), fakkru li d-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) tillimita l-produzzjoni tal-bijofjuwils Ewropej.

(13) Il-Kummissjoni fakkret li l-livell propost annwali (madwar 10 % tal-medja annwali tal-konsum tal-Unjoni bejn l-2014 u l-perjodu ta' investigazzjoni) huwa marbut direttament mar-riżultati tal-investigazzjoni. Abbażi tal-livell tal-importazzjonijiet eżaminati fl-investigazzjoni attwali, il-Kummissjoni stabbiliet theddida ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li, fil-prinċipju, il-livell annwali propost ma għandux ifixkel il-prestazzjoni ġenerali tal-industrija tal-Unjoni.

(14) F'dak li għandu x'jaqsam mal-iffissar tal-PMI, dan huwa marbut mal-kwotazzjonijiet tal-prezz taż-żejt tal-fażola tas-sojja medju fix-xahar, ippubblikati mill-Ministeru tal-Agrikoltura tal-Gvern tal-Arġentina li jirriflettu l-inklużjoni ta' taxxa fuq l-esportazzjoni (il-kwotazzjonijiet huma fuq livell frank abbord ("FOB")). Lil hinn mil-livell annwali, japplika d-dazju *ad valorem*. Għalhekk, fil-prinċipju, il-Kummissjoni qieset li PMI bħal dan inaqqas l-impatt fuq il-prezzijiet għall-inputs li huma soġġetti għall-politika ta' appoġġ tal-Gvern tal-Arġentina.

(15) Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-kombinazzjoni tal-PMI mal-livell annwali propost flimkien mad-dazju *ad valorem* applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li jaqbżu dak il-livell annwali tneħħi l-effetti ta' sussidjar dannuż. Għaldaqstant, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

(16) L-EBB sostna wkoll li l-PMI jista' jiġi manipulat faċilment minħabba li x'aktarx il-profitt li jiġi akkumulat meta l-produtturi esportaturi Arġentini jbigħu l-prodott ikkonċernat fil-livell annwali jippermettilhom li jassorbu ħafna aktar faċilment id-dazju kumpensatorju dovut lil hinn mil-livell annwali.

(17) Il-Kummissjoni nnotat li dan l-argument jikkontradixxi l-argument mill-EBB li l-PMI ġie stabbilit f'livell li huwa baxx wisq. Jekk dan huwa l-każ, l-ebda profitt addizzjonali ma seta' jintuża ħażin kif allegat. CARBIO sostniet ukoll li l-produtturi esportaturi Arġentini ma għandhomx l-għażla li jagħmlu xi bejgħ bl-PMI u oħrajn bi prezz bid-dazju mħallas. Huma permessi li jbigħu bi prezz bid-dazju mħallas biss ladarba l-livell annwali jiġi eżawrit kompletament. Għalhekk, ir-riskju allegat jitnaqqas.

([4]) Id-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 239, 15.9.2015, p. 1).

(18) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni nnotat li kemm CARBIO kif ukoll il-produtturi esportaturi li joffru l-impenji huma konxji (permezz tat-test tal-impenji) li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taċċetta l-offerti ta' impenn hija bbażata fuq il-fiduċja. Kwalunkwe ksur ta' dik il-fiduċja jwassal għall-irtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenn u l-applikazzjoni sħiħa tad-dazji kumpensatorji.

(19) Barra minn hekk, il-produtturi esportaturi li joffru l-impenji aċċettaw ukoll li ma jimminawx l-effetti tagħhom fir-rigward tal-bejgħ lil hinn mil-livell annwali. Ksur tal-impenji jwassal għall-irtirar tagħhom. Għaldaqstant, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

(20) L-EBB sostna wkoll li l-PMI offrut kien baxx wisq u ma kienx jirrifletti l-primjum ta' sostenibbiltà.

(21) CARBIO wieġbet billi sostniet li l-ammont fiss jirrifletti żieda suffiċjenti fil-prezz. Il-Kummissjoni nnotat li, kif iddikjarat fil-premessa 11, il-kombinazzjoni tal-PMI mal-livell annwali propost flimkien ma' dazju *ad valorem* applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li jaqbżu dak il-livell annwali, fil-prinċipju, għandha tneħħi l-effetti ta' sussidjar dannuż. Għaldaqstant, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

(22) L-EBB sostniet ukoll li s-sors tal-kwotazzjonijiet tal-prezz taż-żejt tal-fażola tas-sojja ma għandux ikun ibbażat fl-Arġentina iżda jenħtieġ li jkun sors indipendenti ta' reputazzjoni tajba.

(23) Fl-offerti ta' impenn jiġi spjegat li filwaqt li l-kwotazzjonijiet huma tabilħaqq ippubblikati mill-Ministeru tal-Agrikoltura tal-Gvern tal-Arġentina, dawn huma bbażati fuq il-prezzijiet tal-għeluq taċ-Chicago Board of Trade flimkien ma' primjums ibbażati fuq kuntratti ta' kuljum u primjums ta' bejgħ-xiri mogħtija minn Bolsa de Cereales de Buenos Aires. Għaldaqstant dawn huma marbutin mal-kwotazzjonijiet internazzjonali tal-komoditajiet u l-affidabbiltà tagħhom tista' tiġi mmonitorjata, anki fir-rigward ta' xejriet storiċi. Dan ġie kkonfermat ukoll minn CARBIO u l-Gvern tal-Arġentina. Dan tal-aħħar iggarantixxa t-trasparenza u l-prevedibbiltà tas-sorsi proposti.

(24) Il-vantaġġ tas-sors propost fl-offerti ta' impenn huwa li jkun disponibbli għall-pubbliku u għalhekk jista' jiġi mmonitorjat. Il-Kummissjoni se timmonitorja bir-reqqa l-affidabilità tal-kwotazzjonijiet biex tiżgura li ma jkun hemm l-ebda ċirkostanzi u azzjonijiet li jimminaw l-effetti tal-impenji. Kwalunkwe ksur ta' fiduċja se jiġġustifika l-irtirar immedjat tal-aċċettazzjoni tal-impenji mill-Kummissjoni u l-impożizzjoni tad-dazji kumpensatorji.

(25) Barra minn hekk, l-impenji jistipulaw ukoll li kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi li tista' sseħħ waqt l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-impenji minn dawk li jipprevalu fiż-żmien tal-aċċettazzjoni tagħhom u li kienu jkunu rilevanti għad-deċiżjoni li jiġu aċċettati l-offerti ta' impenji tista' twassal għall-irtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenji. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(26) L-EBB sostna wkoll li l-Gvern tal-Arġentina jista' jnaqqas it-taxxa tal-esportazzjoni u bħala riżultat ta' dan il-PMI jitnaqqas. Dan imbagħad iwassal għal sitwazzjoni li fiha l-esportaturi Arġentini jkunu jistgħu jimmassimizzaw is-sehem tas-suq tagħhom.

(27) Il-Kummissjoni qieset li l-fluttwazzjoni tal-PMI f'konformità mat-tibdiliet fil-prezz tal-materja prima hija metodu ta' indiċjar raġonevoli li tirrifletti l-kundizzjonijiet tas-suq. Barra minn hekk, kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi li tista' sseħħ waqt l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-impenji minn dawk eżistenti fiż-żmien tal-aċċettazzjoni tagħha li kienet tkun rilevanti għad-deċiżjoni li jiġu aċċettati l-impenji tista' twassal għall-irtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenji. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(28) L-EBB ddikjara wkoll li l-ammonti fissi miżjuda mal-medja tal-prezzijiet taż-żejt tas-sojja trimestrali jenħtieġ li ma jkunux definiti qabel kull vjeġġ. L-interpretazzjoni tal-EBB tal-ammont fiss mhijiex korretta. L-ammont stabbilit mhuwiex definit qabel kull vjeġġ. Bi tweġiba għall-kummenti tal-EBB, CARBIO spjegat li l-ammont fiss huwa predeterminat fil-livell fiss u ma jiddependix (jew jiġi aġġustat skont) fuq l-imġiba tal-produtturi esportaturi Arġentini. Il-kumment għalhekk ma ntlaqax.

(29) L-EBB kien favur referenza Ewropew tal-prezzijiet taż-żejt veġetali fuq bażi spot (ta' kuljum) u mhux fuq bażi trimestrali, inkluż taħlita ta' żejt tal-fażola tas-sojja Ewropea u żjut veġetali użati fl-Ewropa. Minbarra deskrizzjoni ġenerali, l-EBB naqas milli jipprovdi sors alternattiv konkret ta' referenza għall-prezzijiet. Barra minn hekk, il-ġestjoni tas-sistema ta' prezz ta' referenza trid tkun prattika u referenza ta' kuljum ma tkunx tista' tiġi ġestita b'mod prattiku fil-monitoraġġ tal-impenji. Fi kwalunkwe każ, kif spjegat fil-premessi preċedenti, il-Kummissjoni qieset li l-kwotazzjoni tal-prezzijiet proposta fl-offerti tal-impenn hija raġonevoli. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(30) L-EBB ippropona li l-Kummissjoni jenħtieġ li tiġġestixxi l-livell annwali għal kull Stat Membru u kull xahar jew fuq bażi trimestrali. Il-Kummissjoni ma setgħetx tilqa' din it-talba. L-ewwel nett, kif iddikjarat ukoll minn CARBIO, il-miżuri kumpensatorji, fi kwalunkwe forma, japplikaw għat-territorju doganali kollu tal-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, din is-sistema ta' monitoraġġ tkun kumplessa wisq u b'hekk ma tkunx tista' tiġi implimentata b'mod prattiku mill-Kummissjoni. Il-proposta tal-EBB biex il-livell annwali jinqasam fuq bażi ta' kull xahar jew trimestrali tikkontradixxi l-argument li l-produtturi Arġentini jistgħu jikkumpensaw b'mod trasversali għall-bejgħ fil-livell annwali mal-bejgħ 'il fuq min dan il-livell. Diviżjoni ta' kull xahar jew trimestrali taggrava dan ir-riskju b'mod sinifikanti. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(31) L-EBB ippropona wkoll li l-livell annwali għall-bejgħ skont il-PMI għandu jibda f'livell aktar baxx u b'mod gradwali jiżdied biex jilħaq il-livell annwali propost fl-offerti ta' impenn. Bi tweġiba għal din it-talba, CARBIO sostniet li r-regoli kummerċjali attwali ma jipprovdu għal ebda progressività bħal din fl-impożizzjoni ta' miżuri (irrispettivament mill-forma tagħhom) sabiex "jittestjaw" l-effiċjenza tagħhom. L-EBB ma ressaq fil-fatt l-ebda ġustifikazzjoni sostantiva għall-introduzzjoni progressiva tal-livell annwali. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tivvaluta l-offerti ta' impenn kif sottomessi mill-produtturi esportaturi. Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-kombinazzjoni tal-PMI mal-livell annwali propost flimkien mad-dazju *ad valorem* applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li jaqbżu dak il-livell annwali, fil-prinċipju, jenħtieġ li tneħħi l-effetti ta' sussidjar dannuż. Għaldaqstant, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

(32) L-EBB talab kjarifika rigward il-PMI għall-bejgħ lil partijiet relatati fl-Unjoni. Il-Kummissjoni kkonfermat li l-bejgħ li sar lill-partijiet relatati lill-Unjoni se jsir bi PMI miżjud b'ammont li jqis l-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u tal-amministrazzjoni u l-profitti.

(33) L-EBB finalment sostna li l-impenji jenħtieġ li jkollhom klawżoli li jippermettu rieżami jew irtirar f'każ ta' bidliet fiċ-ċirkostanzi jew ksur. Il-Kummissjoni kkonfermat li klawżoli bħal dawn huma tabilħaqq parti mill-offerti ta' impenn. Fl-offerti ta' impenn jiġi stipulat li kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi li tista' sseħħ waqt l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-impenji minn dawk eżistenti fiż-żmien tal-aċċettazzjoni tagħhom u li kienet tkun rilevanti għad-deċiżjoni li jiġi aċċettat l-impenn tista' twassal għall-irtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenji. Il-miżuri definittivi inkluża l-adegwatezza tal-impenn huma soġġetti wkoll għal rieżami *interim* skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1037.

(34) Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-offerti ta' impenn mill-produtturi esportaturi Arġentini huma aċċettabbli. Il-produtturi esportaturi li joffru l-impenji u CARBIO, kif ukoll il-partijiet interessati kollha ġew mgħarrfa bil-fatti essenzjali, il-kunsiderazzjonijiet u l-obbligi li fuqhom hija bbażata l-aċċettazzjoni tal-offerti ta' impenn.

3. **Kummenti wara l-informazzjoni dwar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taċċetta offerti ta' impenn**

(35) Wara li ngħataw informazzjoni dwar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taċċetta l-offerti ta' impenn l-EBB, il-VDB, l-UFOP, il-COPA-COGECA, l-EOA, l-Assoċjazzjoni Ewropea li tirrappreżenta l-industrija industrija taż-żejt veġetali u tad-dqiq tal-proteina ("FEDIOL"), il-produtturi esportaturi Arġentini u CARBIO ssottomettew il-kummenti.

(36) L-EBB, il-VDB u l-UFOP talbu li jitnaqqas l-impenn imressaq mill-esportaturi Arġentini u CARBIO biex ma joħorġux aktar minn 45 % taċ-ċertifikati ta' esportazzjoni kull tliet xhur għal 25 % -30 % kull tliet xhur. Fil-fehma tagħhom, dan jifrex l-esportazzjonijiet matul is-sena mingħajr ma jikkonċentra l-importazzjonijiet fuq is-suq tal-Unjoni f'ċerti perjodi ta' tliet xhur.

(37) Il-Kummissjoni nnotat li abbażi tad-*data* tal-2018, l-importazzjonijiet mill-Arġentina kienu mifruxa fuq is-sena kalendarja mingħajr konċentrazzjoni fi kwalunkwe trimestru partikolari, għalkemm b'xi żieda f'xhur speċifiċi. Għalhekk, il-konċentrazzjoni teoretika tal-importazzjonijiet fi kwalunkwe trimestru partikolari ma tirriflettix il-mudell kummerċjali qabel l-impożizzjoni tal-miżuri. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li kull bidla sinifikanti fix-xejra tal-kummerċ tal-esportaturi Arġentini li timmina l-effett tal-impenji tista' twassal għall-irtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenji mill-Kummissjoni u għall-applikazzjoni sħiħa tad-dazju kumpensatorju. Fi kwalunkwe każ, wara l-kummenti tal-industrija tal-Unjoni, permezz ta' ittra ta' akkumpanjament, l-esportaturi Arġentini u CARBIO ssottomettew impenn ġdid li ma joħorġux ċertifikati ta' esportazzjoni fi żmien tliet xhur għal aktar minn 37 % tal-livell tal-volum annwali.

(38) L-EBB iddikjara li l-validità taċ-ċertifikati għall-esportazzjoni marbutin mal-impenn jenħtieġ li titqassar u għandha tkun limitata għat-tliet xhur li fihom jinħarġu ċ-ċertifikati tal-impenji. Għaldaqstant il-produtturi esportaturi rrevedew l-offerti ta' impenn tagħhom u qassru l-validità taċ-ċertifikati tal-esportazzjoni minn erba' (4) għal tliet (3) xhur. Huma impenjaw ruħhom li joħorġu ċ-ċertifikati tal-esportazzjoni, bħala regola ġenerali, kemm jista' jkun viċin il-ħruġ tal-fattura kummerċjali korrispondenti, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn tliet (3) xhur wara d-data ta' dik il-fattura. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ma ntlaqgħetx.

(39) Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-impenn ta' CARBIO u tal-produtturi esportaturi li ma joħorġux ċertifikati ta' esportazzjoni għal aktar minn 37 % tal-livell annwali fi żmien tliet xhur inaqqas ir-riskju li l-esportazzjonijiet Arġentini tal-bijodiżil jiġu kkonċentrati f'perjodu speċifiku. Għalhekk, id-dikjarazzjoni dwar il-konċentrazzjoni possibbli tal-importazzjonijiet hija indirizzata.

(40) L-EBB ippropona l-inklużjoni ta' klawżola ġdida fl-offerti ta' impenn li tista' tiċċara l-impenn ta' CARBIO u tal-esportatur li ma jimminax l-objettivi tal-offerti ta' impenn. Il-Kummissjoni kkonfermat li huwa obbligu ġenerali tal-esportaturi u CARBIO li jsegwu t-termini tal-impenji u li ma jimminawx l-effetti tagħhom.

(41) B'mod partikolari, l-EBB, il-VDB u l-UFOP, talbu li l-PMI jkun stabbilit kull ġimgħa jew kull xahar minflok abbażi trimestrali, kif propost fl-offerti ta' impenn. Fil-fehma tagħhom, tali PMI stabbilit kull ġimgħa jew kull xahar jillimita l-possibbiltajiet ta' arbitraġġ għall-esportaturi Arġentini f'suq volatili u varjabbli ħafna.

(42) Il-Kummissjoni eżaminat bir-reqqa din it-talba u kkonkludiet li PMI stabbilit fuq bażi trimestrali jiżgura infurzabbiltà aħjar u kif xieraq u implimentazzjoni tal-offerti ta' impenn filwaqt li ma jikkompromettix l-effettività tar-rimedju għall-industrija tal-Unjoni.

(43) L-EBB iddikjara li l-livell tal-PMI fil-livell annwali jenħtieġ li jiġi stabbilit f'livell adegwat bħala PMI fl-ambitu ta' 10 % (jew saħansitra 5 %) tas-sehem mis-suq li jistabbilixxi l-prezzijiet f'suq tal-komoditajiet. Il-Kummissjoni nnotat li l-EBB ma ssostanzjatx din it-talba iżda ddikjara b'mod ġenerali li dan ikun il-każ għal kwalunkwe suq tal-komoditajiet. Barra minn hekk, l-EBB iddikjara li CARBIO rrikonoxxiet b'mod espliċitu li l-PMI qatt ma jkun f'livell li ma jikkawżax dannu billi ddikjarat li d-dazju huwa stabbilit f'livell tant għoli li mhuwiex realistiku li jiġi kkunsidrat li l-esportaturi Arġentini jkunu jistgħu jagħmlu kwalunkwe esportazzjoni soġġetta għall-ħlas tad-dazju matul il-perjodu tal-offerti tal-impenn.

(44) Il-Kummissjoni nnotat li hija vvalutat l-offerti ta' impenn fl-intier tagħhom u tqis li l-kombinazzjoni tal-PMI mal-livell annwali propost flimkien mad-dazju *ad valorem* applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li jaqbżu dak il-livell annwali telimina l-effetti ta' sussidjar dannuż.

(45) L-EBB sostna li l-prezz taż-żejt tal-fażola tas-sojja li għandu jintuża biex jiġi kkalkulat il-PMI kien influwenzat permezz tal-intervent tal-Gvern tal-Arġentina, kif allegatament rikonoxxut mill-Kummissjoni fir-Regolament li jimponi miżuri definittivi fuq il-bijodiżil fl-2013.

(46) Il-Premessa 36 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1194/2013 ([5]), iddikjarat b'mod ċar li l-prezz ta' referenza ppubblikat mill-Gvern tal-Arġentina jirrifletti l-livell tal-prezzijiet internazzjonali. Il-Premessa 38 ta' dak ir-Regolament tiddikjara li l-prezzijiet domestiċi tal-materja prima ewlenija użati mill-produtturi tal-bijodiżil fl-Arġentina nstabu li kienu artifiċjalment aktar baxxi mill-prezzijiet internazzjonali minħabba d-distorsjoni maħluqa mis-sistema Arġentina tat-taxxa fuq l-esportazzjoni.

(47) L-EBB għamel referenza għar-raġunijiet li l-Kummissjoni użat biex tirrifjuta l-offerti ta' impenn sottomessi fl-2013 mill-produtturi esportaturi Indoneżjani tal-bijodiżil u talab lill-Kummissjoni tispjega għaliex dawk ir-raġunijiet ma għadhomx japplikaw.

(48) Il-Kummissjoni nnotat li kull offerta ta' impenn hija vvalutata fuq il-merti tagħha stess fil-mument meta tasal, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. Il-Kummissjoni rċeviet offerti ta' impenn mill-produtturi esportaturi Arġentini kollha u vvalutat dawn l-offerti fuq il-merti tagħhom stess, fir-rigward tal-elementi kollha ppreżentati fihom u r-riżultati li ħarġu mill-investigazzjoni attwali.

(49) Abbażi ta' din il-valutazzjoni u b'kunsiderazzjoni tal-elementi kollha tal-offerti, il-Kummissjoni pproponiet l-aċċettazzjoni tal-offerti ta' impenn mill-produtturi esportaturi Arġentini u CARBIO.

(50) L-EBB iddikjara li minħabba r-riskji ta' kumpens trasversali, il-produtturi esportaturi Arġentini ma għandhomx jitħallew ibigħu 5 % ta' prodotti oħra li joriġinaw fl-Arġentina. Il-Kummissjoni nnotat li hija identifikat u vvalutat ir-riskji ta' kumpens trasversali fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u l-impenji kollha fl-intier tagħhom. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ma ġietx milqugħa.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1194/2013 tad-19 ta' Novembru 2013 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja (ĠU L 315, 26.11.2013, p. 2).

(51) L-EBB iddikjara li l-offerti ta' impenn għandhom jinkludu possibbiltà ta' rieżami, inkluż fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess. Il-Kummissjoni nnotat li l-impatt tal-bidliet fiċ-ċirkostanzi fuq l-impenji jista' jiġi vvalutat fil-futur fl-isfond ta' bidliet possibbli fiċ-ċirkostanzi. Il-possibbiltà ta' rieżami, imsemmija fl-offerti ta' impenn, hija konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE) 2016/1037. Din l-affermazzjoni ma ntlaqgħetx.

(52) L-EBB, il-VDB u l-COPA-COGECA esprimew tħassib li l-produtturi esportaturi Arġentini jistgħu ma jimmaniġġawx l-impenji b'mod ġust u trasparenti minħabba l-istorja tal-każ. Il-Kummissjoni nnotat li l-offerti ta' impenn jistipulaw ukoll li l-aċċettazzjoni tal-impenji mill-Kummissjoni hija bbażata fuq il-fiduċja u kwalunkwe azzjoni li tista' tagħmel ħsara lir-relazzjoni ta' fiduċja stabbilita mal-Kummissjoni tiġġustifika l-irtirar tal-impenji. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(53) Il-VDB sostniet li minħabba l-istruttura tal-impenji proposti, dan jista' jwassal għal ksur tal-liġi tal-UE tal-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni nnotat li l-impenji bħala forma ta' miżuri huma speċifikament previsti fir-Regolament (UE) 2016/1037. Barra minn hekk, kuntrarju għall-allegazzjoni ta' VDB, l-offerti ta' impenn ma jiffissawx il-prezzijiet tal-bejgħ bejn il-kumpaniji li joffru l-impenji fil-livell tal-PMI, iżda jintroduċu livell ta' prezz minimu li taħtu l-importazzjonijiet ma jistgħux isiru fil-livell annwali kopert mill-impenji. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ma ġietx milqugħa.

(54) VDB sostniet li minħabba l-esperjenza negattiva li kellha l-Kummissjoni b'impenn strutturat b'mod simili li jikkonċerna l-pannelli solari, jidher probabbli li l-offerti proposti ta' impenn ma jkunux effettivi. Il-Kummissjoni nnotat li kull offerta ta' impenn hija vvalutata fuq il-merti tagħha stess fil-mument meta tasal, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. Il-Kummissjoni vvalutat bir-reqqa l-impenji offruti u kkonkludiet li dawn jistgħu jiġu aċċettati. Il-Kummissjoni ikkunsidrat l-intier tal-impenji li saru, fost dawk pereżempju, ir-rwol attiv ta' CARBIO, u l-mezz ta' sikurezza fil-forma tal-livell annwali. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

4. **Implimentazzjoni u irtirar**

(55) Kull meta, skont l-Artikolu 13(9) tar-Regolament (UE) 2016/1037, il-Kummissjoni tirtira l-aċċettazzjoni tagħha ta' impenn wara ksur, billi tirreferi għal tranżazzjonijiet partikolari u tiddikjara li l-fatturi rilevanti tal-impenji mhumiex validi, hekk kif tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera, jiġġarrab dejn doganali.

(56) Fil-ħin tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera, l-importaturi jenħtieġ li jkunu konxji, bħala riskju kummerċjali normali, li dejn doganali jista' jsir dovut, anki jekk impenn offrut mill-manifattur li kienu qegħdin jixtru mingħandu, direttament jew indirettament, kien ġie aċċettat mill-Kummissjoni.

(57) Skont l-Artikolu 24(7) tar-Regolament (UE) 2016/1037, l-awtoritajiet tad-dwana jenħtieġ li jinformaw minnufih lill-Kummissjoni kull meta jkun hemm indikazzjoni ta' ksur ta' impenn.

(58) Il-partijiet interessati kollha, inkluża l-industrija tal-Unjoni, huma mistiedna jipprovdu lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni meħtieġa li tista' tkun utli għall-finijiet ta' monitoraġġ. Tali informazzjoni tista' tinkludi, b'mod partikolari, kwalunkwe *data* rilevanti u rappreżentattiva għall-prezz taż-żejt tal-fażola tas-sojja u l-PMI li jistgħu jiffaċilitaw il-monitoraġġ tal-impenji mill-Kummissjoni.

(59) Fil-każ ta' ksur jew irtirar tal-impenji, jew fil-każ ta' rtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenn mill-Kummissjoni, id-dazju kumpensatorju definittiv impost skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1037 għandu japplika awtomatikament skont l-Artikolu 13(9) ta' dak ir-Regolament.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-impenji offruti mill-produtturi esportaturi elenkati hawn taħt flimkien mal-Kamra tal-Arġentina għall-Bijofjuwils (Cámara Argentina de Biocombustibles, "CARBIO"), b'konnessjoni mal-proċedimenti kontra s-sussidji li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġina fl-Arġentina, qegħdin b'dan jiġu aċċettati.

Pajjiż	Kumpanija	Mezz ta' Bejgħ	Kodiċi addizzjonali TARIC
L-Arġentina	Aceitera General Deheza S.A.	Magħmul u mibjugħ minn Aceitera General Deheza S.A. lill-ewwel klijent indipendenti fl-Unjoni li jaġixxi bħala importatur.	C493
	Bunge Argentina S.A.	Prodott u mibjugħ minn Bunge Argentina S.A. jew prodott minn Bunge Argentina S.A. u mibjugħ minn Bunge Agritrade S.A., Uruguay, lill-ewwel klijent indipendenti fl-UE li jaġixxi bħala importatur	C494
	LDC Argentina S.A.	Prodott u mibjugħ minn LDC Argentina S.A. jew prodott minn LDC Argentina S.A. u mibjugħ minn Louis Dreyfus Company Suisse S.A., l-Iżvizzera, lill-ewwel konsumatur indipendenti fl-Unjoni li jaġixxi bħala importatur.	C495
	Molinos Agro S.A.	Prodott u mibjugħ minn Molinos Agro S.A. jew prodott minn Molinos Agro S.A, u mibjugħ minn Molinos Overseas Commodities S.A., Uruguay, lill-ewwel klijent indipendenti fl-Unjoni li jaġixxi bħala importatur	C496
	Oleaginosa Moreno Hermanos S.A.C.I.F. y A	Prodott u mibjugħ minn Oleaginosa Moreno Hermanos S.A.C.I.F. y A lill-ewwel klijent indipendenti fl-Unjoni li jaġixxi bħala importatur.	C497
	Vicentin S.A.I.C.	Prodott u mibjugħ minn Vicentin S.A.I.C. jew prodott minn Vicentin S.A.I.C. u mibjugħ minn Vicentin S.A.I.C. Sucursal, Uruguay, lill-ewwel klijent indipendenti fl-Unjoni li jaġixxi bħala importatur.	C498
	Cargill S.A.C.I.	Prodott u mibjugħ minn Cargill S.A.C.I, jew prodott minn Cargill S.A.C.I. u mibjugħ minn Cargill International S.A., l-Iżvizzera, lill-ewwel klijent indipendenti fl-UE li jaġixxi bħala importatur.	C491
	COFCO International Argentina S.A.	Prodott u mibjugħ minn COFCO International Argentina S.A. jew Prodott mis-COFCO International Argentina S.A., l-Arġentina u mibjugħ minn COFCO Resources S.A., l-Iżvizzera, lill-ewwel klijent indipendenti fl-UE li jaġixxi bħala importatur.	C490

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER